QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 23 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru 952/98DM

Sandro Galea

vs

Elmo Insurance Services Limited
u b'digriet tal-21 ta' Gunju 2000
saru Elmo Insurance Agency Ltd
u Godwin Savona

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni lli gew kagunati minhabba dewmien fil-fornizzjoni ta' parts ghall- vettura tal-marka Seat Cordoba Maroon bin-numru CAC 741 meta din kienet qieghda tigi msewwija wara incident stradali li sehh fil-15 ta' Gunju, 1997.

Bl-ispejjez u bl-imghax inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Ottubru 1997. Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Jekk kien hemm forniment wara dewmien, dan ma kienx dovut ghal xi htija da parti tal-eccipjenti imma semmai tal-agenti u ghalhekk it-talba attrici, in kwantu diretta kontra l-eccipjenti ghandha tigi rigettata bl-ispejjes.
2. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni fuq imsemmija, l-eccipjenti Elmo Insurance Services Limited hija responsabbli taht il-polza ghal – "loss of use" limitatament ghas-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin

(Lm250) u ghalhekk kwalunkwe somma in eccess ghal din is-somma ghandha tigi rigettata.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi min-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti tirrizulta eccezzjoni ulterjuri fis-sens li l-attur ma kienx kopra ruhu b'polza ta' assikurazzjoni fl-uzu tal-vettura sostituttiva u ghalhekk ma jistghax jippretendi kumpens ghal hlas li ghamel ghal dan l-uzu li kien illegali.

Ghalkemm din l-eccezzjoni giet ipprezentata tardivament wara l-gheluq tas-smiegh tal-kawza, ghandhu xorta wahda jinghat li semplici indikazzjoni f'formola stampata ma tikkostitwix prova konklussiva li l-vettura provduta ma kinitx fil- fatt assikurata u lanqas li l-attur ma kienx ottjena kopertura b'assikurazzjoni b'xi mod iehor.

Ghalhekk definittivament ma giex ippruvat xi nuqqas da parti tal-attur fil-kiri tal-vettura sostitutiva, u l-attur m'hux prekluz milli jippretendi kumpens ghall- hlasijiet li ghamel in konnessjoni mal-kiri tal-vettura.

Fil-mertu, billi l-attur ma indirizzax it-talba tieghu kontra Alfred Tanti, l-assigurat tal-konvenuti Elmo Insurance Agency Limited, li kien il-kawza diretta tad-danni allegati, izda ghazel li jidderigi t-talba tieghu kontra l-konvenuti, huwa tenut li jipprova s-segwenti:

1) Li l-konvenuti accettaw li jassumi flok l-istess Alfred Tanti kull responsabilta ghall-kollizzjoni li dan kellu mal-attur;.

2) Li l-konvenuti accettaw li l-istess Alfred Tanti, u ghalhekk anke huma, kienu tenuti li jghamlu tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-attur a kawza tal-kollizzjoni ikkawzata esklusivament minn Alfred Tanti;

3) Li l-konvenuti assumew ukoll fil-konfront tal-attur li jipprovdu huma stess l-'ispare parts' essenzjali ghat-tiswija tal-vettura tal-attur;

4) Li dawn l-'ispare parts' gew provduti tardivament u ghalhekk ipprovokaw dewmien fit-tiswija tal-vettura tal-attur li bhala konsegwenza ippriva lill-istess attur mill-uzu tal-vettura tieghu;

5) F'kaz li l-attur ma jasalx ghal-prova indikata fin-numru tlieta (3), li fi kwalunkwe kaz it-tiswija tal-vettura tieghu ma setghatx titlesta qabel minhabba l-assenza ta' 'parts' f'Malta.

Huwa evidenti li min ikun responsabbli ghall xi kollizzjoni, huwa tenut illi jghamel tajjeb ghad-danni kollha rizultanti mill-habta u dawn jinkludu l-ispejjez ghall-kiri ta' vettura sostitutiva.

Dawn l-ispejjez in konnessjoni ma tali kiri m'huma b'ebda mod limitati bl-operat tal-ligi, u ghandhom jkunu dawk kollha li effettivament sofra id-danneggjat, huma kemm huma, salv li jkun jirrizulta li jkunu gew limitati ghal dak li kien assolutament neccessarju.

Jekk jirrizulta li xi terza persuna tkun assumiet li tghamel tajjeb ghad-danni kkawzati lid-danneggjat, fin-nuqqas ta' xi ftehim partikolari mad-danneggjat stess li jillimita l-estensjoni tar-responsabiltia taghha ghall-hlas tad-danni, hija tkun tenuta li thallas dak l-ammont kollhu li jkun sofra d-danneggjat irrispettivament minn kwalunkwe ftehim li seta jkollha ma xi persuna ohra, kompriz dak li jkun ikkawza d-danni.

Ghalhekk jekk jirrizulta li l-konvenuti Elmo Insurance Agency Limited kienu accettaw li jghamlu tajjeb ghad-danni kkawzati mill-assikurat taghhom Alfred Tanti, kwalunkwe ftehim li ghandhom mall-assikurat taghhom huwa 'res inter alios acta' vis-a- vis l-attur sakemm ma jirrizultax ippruvat li meta accettaw ir-responsabbilta ghal hlas tad-danni huma kienu espressament iddikjaraw mal-attur il-limitu sa fejn kienu qed jassumu l-hlas, dan biex l-attur jista jissalvagwarda ruhu ghall –bilanc.

Mid-deposizzjoni ta' John Cassar u mill-provi l-ohra ma tirrizulta ebda tali limitazzjoni fir-relazzjonijiet tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited ma l-attur, lanqas almenu ma giet ipprovata xi limitazzjoni specifika fir-relazzjoni tal-istess konvenuti ma' l-assikurat taghhom fin-nuqqas tal-produzzjoni tal-polza tal-assikurazzjoni originali.

Ghalhekk il-limitu eccepiet ta' Lm250 (mitejn u hamsin lira Maltin) mhux applikabli fil-konfront tal-attur.

Mill-istess deposizzjoni ta' John Cassar, jirrizulta ipprovat ukoll li l-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited accettat ir-responsabilta li tghamel tajjeb hija stess lill-attur ghad-danni kollha ikkawzati mill-assikurat taghha, kif ukoll jirrizulta li l-istess konvenuti assikuraturi dahlu wkoll ghall - obbligu li jipprovdu huma l-'ispare parts' neccessarji ghat-tiswija. Infatti John Cassar xehed hekk: *" Il-kumpanija tieghi sabiex tiffacilita il-fornitura tal-parts u ma thallix lill-assigurat jew lil min ghandhu dritt ghat-tiswija jigri hu ghall-parts, ghandna zewg persuni appuntu nkarigati minna biex ifornuna bil-parts u wiehed minnhom huwa Godwin Savona. F'dan il-kaz gara illi dan Godwin Savona sab xi diffikulta biex isib il-parts ghal din il-karozza minghand l-agenti lokali. Minhabba n-nuqqas ta' parts il-karozza tal-attur damet hafna ma tkun lesta biex tintuza u gejna pprezentati b'kont li jissupera l-erba' mitt lira (Lm400) ghall-kiri ta' karozza li ahna qeghdin nirrifjutaw illi nhallsu peress illi s-surveyor kien awtorizza dsatax il- gurnata biss"* .

Izda dan ma jimplikax lill-konvenut Savona. Dan kellhu biss relazzjoni diretta mall-konvenuti Elmo u ma kellhu ebda relazzjoni mal-attur u ghalhekk ma jista qatt jkun tenut responsabbli ghall xi danni fil-konfront tal-attur.

Mid-deposizzjoni tal-istess konvenut Savona, jirrizulta li effettivament il-'parts' kollha rikjesti ghat-tiswija ma kienux disponibbli f'Malta u kellhom ikunu importati, u nonostante d-debita attenzjoni illi ddedika ghall – akkwist taghhom, hu irnexxielhu jikkonsenja l-'parts; essenzjali bhal ma huma 'clutch cable', radiator mounting', 'suspension bracket' u 'brake pads' bejn is-27 t' Awissu 1977 u l-4 ta' Settembru 1997.

Infatti xehed hekk: " *Kont niehu interess personali f'dan il-kaz" u " infatti kien hemm diversi parts illi ghalkemm jiena ordnajthom mill-agent, l-agent dam hafna biex jibghathomli u dan ghax ma kellhux in stock".*

Dan kollu jimplika illi l-attur kien ampjament gustifikat illi jitlob illi jigi ikkompensat ghal –kiri ta' vettura sostitutiva ghal perjodu kollu li dam minghajr il-vettura tieghu li giet imkisra mill-assikurat tal-konvenuti Elmo Insurance Agency Limited.

F'dan ir-rigward qieghed jigi ukoll relevat li kull pronostiku li ghamel xi surveyor imqabbad mill-konvenuti meta jirrizulta li huwa zbaljat jew mhux applikabli, m'ghandhu ebda relevanza ghal kalkolu ta' dak li jkun intitolat ghalih id-danneggjat.

Dwar id-danni gie ampjament ippruvat li jammontaw ghas-somma ta' Lm408.25 (erbgha mija u tmien liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) skond l-ircevuta SG1 (afol 18 tal-process) u jirrigwardaw il-kiri ta' vettura ghal 71 (wiehed u sebghin) gurnata kif ikkonferma l-attur.

Ghaldaqstant fil-waqt li tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Godwin Savona tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Elmo Insurance Agency Limited, u tilqa t-talbiet attrici fil-konfront taghhom u tillikwida d-danni dovuti lill-attur in linea ta' kumpens ghal kiri ta' vettura sostitutiva u ghar-ragunijiet l-ohra indikati fl-avviz fis-somma ta' Lm408.25 (erbgha mija u tmien liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) u tikkundanna lill-istess kumpanija Elmo Insurance Agency Limited illi jhallsu din is-somma lill-attur bl-imghax legali mill-1 ta' Novembru 1997.

Bl-ispejjes kontra l-kumpanija konvenuta Elmo Insurance Agency Limited hlief dawk tal-konvenut Godwin Savona li ghandhom jkunu a karigu ta' l-attur.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep RegCiv28